



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9544/23

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140(CNS)

SOC 326
ANTIDISCRIM 52
MI 422
JAI 643
FREMP 152

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19) - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mħejjija mill-Presidenza, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq fil-Kunsill EPSCO tat-12 ta' Ġunju 2023.

Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19)*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

L-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha wkoll, fost affarijiet oħra, tiġġielel id-diskriminazzjoni. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, inkluż is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Il-Kunsill diġà adotta leġislazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri, is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali¹. Skont id-direttivi eżistenti, id-diskriminazzjoni hija diġà pprojbata fil-qasam tal-impjiegi għal dawn ir-raġunijiet kollha. Id-diskriminazzjoni fil-qasam barra mill-impjiegi abbażi tas-sess u l-oriġini etnika jew razzjali hija wkoll diġà pprojbata skont id-direttivi eżistenti. Madankollu, l-istess livell ta' protezzjoni għad irid jintlaħaq fil-qasam lil hinn mill-impjiegi f'dak li għandu x'jaqşam mad-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Skont l-Ewrobarometru Speċjali l-aktar reċenti dwar id-diskriminazzjoni, 17 % tan-nies fl-Unjoni Ewropea esperjenzaw diskriminazzjoni².

¹ Ara, b'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE. Ara wkoll id-Direttiva 2006/54/KE.

² Kummissjoni Ewropea, Ewrobarometru Speċjali 493: Diskriminazzjoni fl-UE (inklużi LGBTI), 2019.

Is-sitwazzjoni tvarja bejn l-Istati Membri. Xi gruppi, b'mod partikolari l-minoranzi, jiffaċċaw riskju akbar ta' diskriminazzjoni minn oħrajn. Għalkemm *il-minoranzi fi ħdan il-minoranzi* huma speċjalment friskju, id-diskriminazzjoni intersezzjonali għad trid tiġi koperta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Sadanittant, hu magħruf li d-diskriminazzjoni għandha impatt ekonomiku negattiv, inkluż it-telf tal-PDG u t-telf fid-dħul mit-taxxa, u żieda fl-ispejjeż relatati mal-kura tas-saħħa u servizzi oħra.

Is-sottorappurtar tad-diskriminazzjoni huwa problema mifruxa, marbut mal-livell mhux uniformi ta' protezzjoni kif ukoll man-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni. Il-lakuni fil-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni ineffettiva tal-liġijiet eżistenti jistgħu saħansitra joħolqu l-impressjoni li xi forom ta' diskriminazzjoni huma tollerati, u l-fatt li d-diskriminazzjoni spiss ma tiġix ikkastigata jinkoraġġixxi l-impunità.

Minoranza biss ta' ċittadini tal-UE jemmnu li l-isforzi tal-awtoritajiet biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni f'pajjiżhom huma effettivi³. Huwa ċar li hemm bżonn ta' miżuri ġodda biex jingħalqu l-lakuni eżistenti fil-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

Id-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjeg. Waqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni.

³ *Ibid.*

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009⁴ skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant, tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill għadu ma rnexxilux jilħaq l-unanimità meħtieġa dwar il-proposta⁵.

F'dan il-kuntest, il-Ministri mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *X'taħsbu li huma x-xejriet persistenti u emerġenti ġodda ta' diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea u fl-Istat Membru tagħkom?*
2. *X'għandu jsir biex jiġu żblukkati n-negozjati dwar id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-Trattament Ugwali? X'soluzzjonijiet konkreti tissuġġerixxu biex jiġi indirizzat it-tħassib marbut mat-tliet kwistjonijiet pendenti: iċ-ċertezza legali, is-sussidjarjetà u l-ispejjeż tal-implimentazzjoni?*

⁴ Ara d-dok. A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) inġatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

⁵ Ara d-dok. 9043/23.